# QORTI ĊIVILI PRIM’AWLA

# IMĦALLEF
# ONOR. JOSEPH AZZOPARDI LL.D.

## Illum il-Ġimgħa, 27 t’Ottubru 2017

**Kawża Nru: 12**

**Rikors Ġuramentat Nru: 603 / 07 JA**

**Thomas Pisani f’ismu proprju u għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjeta’ Sliema Front Limited (C-4988)**

**vs**

**Bank of Valletta plc; u b’digriet tat-12 ta’ Settembru 2007 ġew nominati Dr Anthony Cutajar u l-Prokuratur Legali Hilda Ellul Mercer bħala kuraturi deputati biex jirrappreżentaw l-eredita’ ġjaċenti tal-mejjet Carmelo Pisani; u b’digriet tal-5 ta’ Novembru 2007 ġew nominati Dr Patrick Valentino u l-Prokuratur Legali Luisa Tufigno bħala kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw l-eredita’ ġjaċenti**

**tal-mejta Carmen Pisani, Rose Pisani, John u Jane konjuġi Pisani; Joseph u Angela konjuġi Pisani; u Fensal Co. Ltd għal kull interess li jista' jkollha.**

## Il-Qorti,

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat mill-atturi fil-31 ta' Mejju 2007 li permezz tiegħu ġie premess:

Illi tul iż-żmien li ilha tinnegozja, is-soċjeta' esponenti ssellfet diversi somom ta' flus mill-Bank konvenut;

Illi s-soċjeta' esponenti kienet isselfet is-somma ta' Lm123,000 fl-14 ta' April 1994 perrnezz ta' kuntratt in Atti Nutar Dottor Patrick Critien mill-bank konvenut;

Illi s-soċjeta' esponenti kienet isselfet is-somma ta' Lm177,000 fit-13 ta' Frar 1996 permezz ta' kuntratt in Atti Nutar Dottor Patrick Critien mill-bank konvenut;

Illi bħala fatt, dawn is-somom ma ngħatawx kollha lis-soċjeta' esponenti;

Illi sat-12 ta' Ġunju 1998, is-soċjeta' esponenti kienet allegatament debitriċi tal-Bank konvenut fis-somma ta' Lm278,650.94 bħala kapital u imgħaxijiet, u dan skond ittra mibgħuta mill-istess Bank konvenut, li kopja tagħha tinsab hawn annessa, esebita u mmarkata bħala Dok 'A';

Illi sa l-24 ta' Lulju 1998, l-ammont totali, inkluż imgħax, allegatament dovut lill-Bank konvenut da parti tas-soċjeta' esponenti kien jammonta għal Lm274,935.02, flimkien ma' imgħax ulterjuri kalkolabbli mill-1 ta' April 1998 sad-data tal-pagament effettiv, u

dan skond ittra uffiċjali datata 24 ta' Lulju 1998, li kopja tagħha tinsab hawn annessa, esebita u mmarkata bħala Dok 'B';

Illi s-soċjeta' esponenti għamlet diversi pagamenti kontra d-dejn minnha inkors;

Illi fis-6 ta' Lulju 2000, l-esponenti, flimkien mall-konvenuti Pisani kollha dehru fuq Kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu in Atti Nutar Dottor Patrick Critien, li kopja tiegħu tinsab hawn annessa, esebita u mmarkata bħala Dok 'C', u ddikjaraw ruħhom, in kwantu għas-soċjeta' esponenti, debitriċi, u l-atturi l-oħra bħala garanti, għas-somma ta' Lm379,359.72, favur il-Bank konvenut, u dan b'rata ta' imgħax dekorribbli bid-9 %;

Illi dan il-kuntratt ġie reż eżegwibbli permezz ta' Ittra Uffiċjali datata 10 ta' Novembru 2006, fejn ġie ddikjarat li l-ammont dovut huwa ta' Lm319,359.72.

Illi l-ammont pretiż mill-Bank konvenut ġie kkontestat mill-esponenti, kemm bil-fomm, kif ukoll bil-kitba, u talbu diversi drabi sabiex jingħata lilhom spjegazzjoni, u anke rendikont ta' kif il-Bank konvenut wasal għall-ammont minnu pretiż, u dan *nonostante* li kienu saru diversi pagamenti tul il-medda ta' żmien.

Illi l-Bank konvenut ġie interpellat permezz ta' Ittra Uffiċjali datata 10 ta' Novembru 2006 sabiex jagħti dan ir-rendikont, iżda xorta waħda baqa' inadempjenti;

Illi *cio' nonostante*, il-Bank konvenut pproċeda bil-proċedura tas-subasta in eżekuzzjoni tat-titolu ezekuttiv minnu akkwiżit, fejn poġġa għall-bejgħ bl-irkant il-fond numru 220 magħruf bħala Seacliff Bar & Restaurant, Tower Road, Sliema, il-fond numru 219, Tower Road, Sliema, il-*flat* internament mmarkat 1, formanti parti tal-blokk 218, Tower Road, Sliema, u l-bejgħ finali ġab is-somma ta' Lm320,000, Lm100,000 u Lm136,000 rispettivament,

komplessivament ammontanti għal Lm556,000, u l-liberazzjoni tal-imsemmija fondi saru favur is-soċjeta' konvenuta Fensal Co. Ltd in kwantu għat-tieni u tielet fond, mentri l-proċeduri tas-subasta għadhom pendenti fil-konfront tal-ewwel fond;

Illi l-kalkoli tal-esponenti, kif ukoll in-nuqqas ta' koperazzjoni tal-bank konvenut, jagħti lill-esponenti raġuni valida biex tasserixxi li l-ammont pretiż mill-Bank konvenut huwa ferm eċċessiv, u jekk kien hemm xi ammont għadu dovut, ċertament ma kienx fl-ammont mitlub mill-Bank konvenut;

Illi l-kunsens tal-atturi kollha biex jiddikjaraw ruħhom debituri u / jew garanti tal-Bank konvenut fis-somma stabbilita mill-Bank konvenut ġie karpit b'ingann, bi frodi, u wara pressjoni indebita, b'dan ukoll li huma ġew introtti fi żball, tant li l-kuntratt fih innifsu m'għandux mis-sewwa, u terġa' jmur kontra l-ordni pubbliku *stante* li l-imgħax pagabbli kellu jsir bid-9%;

Illi dawn il-kunsiderazzjonijiet għandhom jimmilitaw favur in-nullita' tal-istess kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu;

Illi n-nullita' tal-kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu *der quo* ikollu neċessarjament iġib in-nullita' tat-titolu eżekuttiv vantat mill-Bank konvenut, u konsegwentment in-nullita' tas-subasta Nru. 120/04;

Illi dawn il-fatti l-esponenti jaf bihom personalment;

Illi għalhekk kellha ssir din il-kawża;

Jgħidu l-konvenuti għaliex dina l-Onorabbli Qorti m'għandhiex:

1. Tiddikjara u tiddeciedi li l-kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu datat 6 ta' Lulju 2000 in Atti Nutar Dottor Patrick Critien m'għandux mis-sewwa *stante* li ma jirriflettix l-ammont li kien fil-verita' dovut mis-soċjeta' attriċi lill-Bank konvenut;

2. Tiddikjara u tiddeċiedi li l-kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu datat 6 ta' Lulju 2000 in Atti Nutar Dottor Patrick Critien huwa null u bla ebda effett fil-Liġi, u dan *stante* li l-kunsens tal-istess atturi ġie karpit b'ingann u frodi, u / jew ġew indotti fi żball, a tenur tal-Artikoli 976 u 981 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta, u wara pressjoni indebita;

3. Tiddikjara u tiddeċiedi li l-kuntratt ta' kostituzzjori ta' debitu datat 6 ta' Lulju 2000 in Atti Nutar Dottor Patrick Critien huwa null u bla ebda effett fil-Liġi, u dan *stante* li jiffavorixxi *causa illecita stante* li hemm stipulat imgħax li dak iż-żmien, kien *oltre* l-massimu permess mill-Liġi;

4. Konsegwentement, tiddikjara u tideċiedi li l-proċeduri tas-subasta Nru 120/04 fl-ismijiet "Bank of Valletta plc vs Sliema Front Limited" huma nulli u bla ebda effett fil-Liġi;

Bl-ispejjeż kontra l-konvenuti li huma minn issa nġunti għas-subizzjoni, inkluż dawk tal-Ittra Uffiċjali tal-10 ta' Novembru 2006.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-atturi u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet tal-Bank of Valletta u senjatament in-nota tal-eċċezzjonijiet ulterjuri tal-istess Bank fejn qed jitlob li jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju;

Rat is-sentenza tagħha tas-26 ta' April 2017 li permezz tagħha ordnat lill-attur biex jibda proċeduri skond l-att tal-Kumpaniji biex tiġi ravvivata s-soċjeta' Fensal Co. Ltd;

Rat illi l-attur naqas li jagħmel dan fiż-żmien prefiss mill-istess Qorti u li f'kull każ skada t-terminu impost mill-istess liġi biex din il-proċedura tiġi attwata.

Illi għalhekk huwa evidenti li l-eċċezzjoni tal-bank għandha tiġi akkolta;

U billi huwa wkoll evidenti li l-proċedura odjerna kontra l-konvenuti l-oħra issa tkun inutili;

**DEĊIŻJONI**

**Għaldaqstant tiddeciedi l-kawża billi filwaqt li tillibera lill-bank konvenut Bank of Valletta p.l.c mill-osservanza tal-ġudizzju, tichad it-talbiet fil-konfront tal-konvenuti l-oħra.**

**L-ispejjeż tal-kawża jiġu sopportati mill-attur proprio et nomine.**

**Moqrija.**

**Onor. Joseph Azzopardi LL.D.**
**Imħallef**

**Mario Debono**
**Deputat Reġistratur**